**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA19.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Novembru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-29 t' Ottubru 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Offerti MXR/005/2012 - Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
4. Offerta MXR/006/2012 - Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
5. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
6. Proġett Eco-Gozo – Tisbiħ ta' Passaġġ Triq San Xmun.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA18.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-Kumitat irċieva l-kont tal-Proġett ta' Eco-Gozo li sar mill-Kuntrattur Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. Dan il-kont jammonta għal €60,533.27. Il-Perit William Lewis ser ikejjel dawn ix-xogħlijiet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Novembru 2012.

2.02 Il-kisi biċ-ċangaturi tal-passaġġ tax-xtajta għadu ma jistax isir minħabba li l-MEPA qed jitolbu '*No Objection*' mingħand Transport Malta. Peress li dan ix-xogħol suppost li jkun lest sa l-aħħar ta' Diċembru 2012, il-Kunsill ser juża l-istess kuntratt ta' pavimentar ta' xogħol li sar minn fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

2.03 Ix-Xlendi Tower Management Committee kien ħatar lill-Perit li ser ikun inkarigat mill-applikazzjoni u r-restawr tat-Torri. Kienet saret *site inspection* flimkien mal-Perit Edward Said fit-Torri tax-Xlendi.

**3.00 Offerti MXR/005/2012 - Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

3.01 Din l-offerta tkopri xogħlijiet fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Ser issir bankina mill-ġdid, *railing* ġdid, bankijiet, fanali u *pots* bis-siġar. Din l-offerta għalqet fid-29 t' Ottubru 2012 u ntefgħu sitt offerti. Il-Kuntratturi ntalbu jikkwotaw prezzijiet tal-bankina bis-*cement*, bil-*paving blocks* u bl-*imprint concrete*. Il-Kumitat iddeċieda li jaħdem bl-*imprint concrete* peress li d-differenza ma hijiex ħafna. Dan il-proġett ser jitħallas minn fondi ta' UIF (Urban Improvement Fund) fejn kien ġie iffirmat kuntratt mal-MEPA li dan ix-xogħol ser jitlesta sa' l-aħħar tas-sena 2012. Issa peress li din hija t-tieni *tender* li saret għal dan il-proġett, il-Kumitat ser jitlob lill-UIF biex dan il-kuntratt jiġġedded sa Frar 2013.

Is-Sindku informa lill-Kumitat li saret talba minn sidien ta' *block flats* fi Triq ir-Ranċis sabiex isiru *double yellow lines* quddiem il-bieb tal-kamra tat-taraġ biex wieħed mis-sidien ikun jista' jdaħħal il-*motor cycle*. Il-Kumitat ser imur jara fil-post.

Il-ħin kien it-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar it-Tnejn, 12 ta' Novembru 2012 fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***